# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 31 ta' Mejju, 2019.**

**Numru 27**

**Rikors numru 962/17AF**

**Dr. Stephanie Muscat f'isem u għan-nom ta' żewġha l-Kirurgu Mark Zammit Vincenti, assenti minn Malta**

**v.**

**Il-Kummissjoni ghas-Servizz Pubbliku, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimati għall-finijiet tal-artikolu 229(2)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minn degriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2018, li bih dik il-Qorti laqgħet talba magħmula mid-difensur tal-attriċi appellata *nomine* waqt is-smigħ

ta' dakinhar biex xhud li kienet qiegħda tixhed dak il-ħin tgħaddi biex tesebixxi kopja tal-'*file*' tal-proċess tal-għażla u tal-petizzjoni[1];

2. Din il-Qorti qiegħda ġġib il-verbal (fil-partijiet rilevanti tiegħu) li fih jinsab inkorporat id-degriet appellat (li jinsab muri b'rig taħtu):

> "*Dr. Spiteri Bailey għar-rikorrenti, f'dan l-istadju, qed jitlob lix-xhud tesebixxi l-kopja tal-file tal-proċess tal-għażla, u tal-petition.*
>
> "*Dr. Vctoria Buttigieg għall-Kummissjoni intimata qeda topponi għal din it-talba stante li din tirrifletti t-tielet talba tar-rikorrenti fir-rikors promotur, u l-ilquħ tagħha jkun ifisser li din il-kawża ser tkun deċiża f'dan l-istadju mingħajr ma jkun għadu magħluq il-proċess.*
>
> "*Dr. Spiteri Bailey għar-rikorrenti jirrileva li t-tielet talba tirrelata għal dikjarazzjoni dwar l-aċċess għat-tagħrif kollhu fl-istadju ta' petizzjoni, u jagħmel riferenza għal Art 36(1)(b) ta' L.S. Kost.05, li speċifikatament jippermetti tali dokumentazzjoni li jiġu esebiti 'is necessary in connection with court proceedings'.*
>
> "*Il-Qorti, peress illi tqis illi t-talba tar-rikorrenti, f'dan l-istadju ġustifikata, tilqa' t-talba u tordna l-produzzjoni tad-dokument mitlub*";

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq fid-29 ta' Ottubru, 2018, l-intimati appellanti, għar-raġunijiet hemm imfissra, qegħdin jitolbu li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka l-imsemmi degriet, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi konta l-attriċi appellata *nomine*;

4. L-attriċi appellata *nomine* wieġbet għall-imsemmi Rikors b'Risposta mressqa fl-14 ta' Novembru, 2018, u li biha u għar-raġunijiet

[1] Dan b'riferiment għall-'*file*' li nfetaħ wara li l-attur *proprio* ressaq petizzjoni fis-16 ta' Lulju, 2017 (Ara Dok "E", f'paġġ. 17 sa 21 tal-proċess) biex jikkontesta r-riżultat tal-proċess tal-għażla mertu tal-każ ippubblikat fl-4 ta' Lulju, 2017

hemm imfissra, qalet li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell u terġa' tgħaddi l-atti lura lill-ewwel Qorti ħalli jitkompla s-smigħ tal-kawża;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti rilevanti tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza

***Ikkunsidrat:***

8. Illi dan l-episodju nqala' tul is-smigħ ta' kawża fejn l-attur *proprio* qiegħed jikkontesta r-riżultat tal-għażla ta' kariga ta' konsulent mediku wara sejħa pubblika għall-mili tal-imsemmija kariga. L-attur qiegħed jikkontesta r-riżultat u nieda proċedura ta' petizzjoni[2]. Biċċa sewwa mill-każ tiegħu jinbena fuq il-kawżali tal-elementi ta' smigħ xieraq b'ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, b'mod partikolari l-jedd ta' aċċess ta' parti f'każ għad-dokumentazzjoni biex tista' tkun f'qagħda li tressaq il-każ tagħha kif imiss u biex tipprova l-pretensjonijiet tagħha bl-aħjar mod bil-mezzi li tagħtiha l-liġi. Waqt li xhud li kienet qiegħda tirrappreżenta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet qiegħda tixhed imressqa mill-attriċi appellata *nomine*, saret talba biex dik ix-xhud

[2] Taħt is-saħħa tar-regolament 24 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwris-Servizz Pubbliku dwar Ħatriet (A.L. 333 tal-2016)(L.S. Kost. 05)

tesebixxi kopja tal-'*file*' tal-proċess tal-għażla u kif ukoll tal-'*file*' tal-proċess tal-petizzjoni li l-attur *proprio* ressaq biex jikkontesta r-riżultat. Filwaqt li l-intimati appellanti opponew għat-talba, l-ewwel Qorti laqgħetha bid-degriet appellat;

9. Illi l-**aggravju tal-appellanti** dwar l-imsemmi degriet jikkonsisti filli huma jqisu li l-ewwel Qorti żbaljat meta ordnat l-iżvelar ta' dokumenti li l-liġi[3] tgħoddhom bħala dokumenti privileġġati u li tipprojbixxi l-iżvelar tagħhom. Dan aktar u aktar meta d-dokumenti mitluba li jitressqu quddiem il-Qorti huma dokumenti tal-Kummissjoni appellanti li l-liġi[4] tgħid li dwarhom ma jgħoddux id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2008 dwar il-Libertà tal-Informazzjoni[5]. Huma jisħqu li din il-projbizzjoni hija waħda ta' ordni pubbliku u ma hijiex derogabbli. Minbarra dan, itennu l-aggravju tagħhom billi jgħidu li, hekk kif l-ewwel Qorti tat id-degriet appellat, hija kienet qiegħda tiddeċiedi (qabel ma saret it-trattazzjoni dwarha) t-tielet talba tal-attriċi appellata *nomine* li sewwasew trid li d-dokumenti milquta mid-degriet appellat ikunu disponibbli lill-attur *proprio* fil-kors tal-proċess tal-petizzjoni mressqa minnu quddiem il-Kumissjoni appellanti;

10. Illi l-attriċi appellata *nomine* twarrab dan l-aggravju u tisħaq li l-Kummissjoni appellanti ma tistax iżżomm milli tressaq id-dokumenti

[3] Art. 637(4) tal-Kap 12
[4] Ara art. 5(4)(ċ) tal-Kap 496
[5] Att XVI tal-2008 (Kap 496)

mitluba ladarba hija waħda mill-partijiet imħarrkin fil-kawża u għalhekk tgħodd ir-regola proċedurali li parti tista' titlob lill-parti l-oħra li tressaq dokument li jkun f'idejha[6] u għalhekk ma tgawdix minn immunità proċedurali li jagħtiha l-privileġġ tagħżel quddiem xi qorti liema dokumenti għandha tressaq bi prova u liema żżomm għandha. Iżżid tgħid li l-oġġezzjoni tal-appellanti tissarraf fi tfixkil lill-ewwel Qorti milli tfittex is-sewwa u tagħmel ħaqq mal-partijiet fil-każ li għandha quddiemha. Hija tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 ma għandhomx jintużaw biex iwarrbu l-liġi tal-proċedura jew jidħlu minflokha u jridu jinqraw u jitħaddmu ma' din, għaliex il-qafas li waqtu nqala' dan l-episodju kien wieħed ta' smigħ ta' kawża u mhux ta' talba minn persuna eliġibbli għal aċċess ta' informazzjoni. L-interess pubbliku f'dan il-każ hu li l-Qorti li quddiemha qiegħda tinstema' l-kawża jkollha l-għodda kollha meħtieġa biex twettaq ġustizzja mal-partijiet indaqs;

11. Illi l-liġi tal-proċedura tagħmilha ċara li ma tistax tintalab bħala prova l-produzzjoni ta' xi dokument li hu miżmum minn awtorità pubblika **u** li huwa xi wieħed mid-dokumenti eżentati taħt l-artikoli 29, 30, 36(1) jew 32(4)(5) tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni[7]. Għalhekk, biex wieħed iqis jekk dokument mitlub bħala prova jistax jitressaq quddiem qorti, wieħed irid jara tabilfors x'jgħidu d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att. Il-Qorti, tinnota wkoll li biex dokument miżmum minn awtorità

[6] Art. 637(1)(b) tal-Kap 12
[7] Art. 637(3) tal-Kap 12

pubblika ma jkunx jista' jitressaq bi prova irid jintwera **wkoll** li jkun tali li jaqa' taħt l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'xi waħda miż-żewġ kategoriji msemmija fl-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12. Fi kliem ieħor, iż-żamma mill-produzzjoni bi prova ta' xi dokument bħal dak trid tissoddisfa ż-żewġ rekwiżiti kumulattivament u mhux biss waħda minnhom. Li kieku kien mod ieħor, il-leġislatur kien jieqaf biex jgħid biss li dokument miżmum minn awtorità pubblika ma jistax jitressaq bi prova. Għalhekk, in-nuqqas ta' produzzjoni bi prova ta' dokument bħal dak hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għall-produċibilità tagħhom;

12. Illi l-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellata li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex maħsuba li jissostitwixxu r-regoli tal-proċedura li jinsabu fil-Kodiċi Proċedurali dwar smigħ ta' kawżi, iżda għandhom jitfissru b'riferenza għal din. Dan jingħad għaliex l-għan tal-Kapitolu 496 mhuwiex l-istess bħall-għan li għalih jintalab quddiem xi qorti t-tressiq ta' dokument bħala prova;

13. Illi biex dokument jitqies bħala wieħed "privileġġjat", irid tabilfors jaqa' taħt xi waħda minn żewġ kategoriji speċifiċi msemmija fl-artikolu 637(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet hemm imfissra. L-appellanti joqogħdu fuq id-dispożizzjonijiet tas-sub-artikoli (3)(a) u (4) tal-imsemmi artikolu marbuta mal-artikoli 5(4)(ċ) u 36(1) tal-

Kapitolu 496 tal-Liġijiet ta' Malta biex issaħħu l-aggravju tagħhom mid-degriet appellat;

14. Illi ma jidhirx li għandu jkun hemm dubju li ż-żewġ appellanti jikkwalifikaw bħala "awtorità pubblika" għall-finijiet tal-liġi rilevanti[8]. Id-dokumenti li jitkellem dwarhom id-degriet appellat huma "*files*" miżmuma mill-Kummissjoni appellanti li jirreferu għall-proċess tal-għażla li għaliha ikkonkorra l-attur appellat *proprio* u dwar it-tmexxija tal-każ tiegħu wara li ressaq il-petizzjoni quddiem l-istess Kummissjoni;

15. Illi l-Qorti tqis ukoll rilevanti li l-Kummissjoni appellanti hija waħda mill-partijiet fil-kawża u mhux imsejħa bħala sempliċi xhud. Id-dokumenti mitluba mertu tad-degriet appellat jolqtu wkoll direttament l-interessi tal-attur *proprio* appellat u l-interess ġuridiku tiegħu fil-każ imressaq minnu;

16. Illi, kif inhu llum il-ġurnata miżmum minn qrati fejn is-saltna tad-dritt mhix imxekkla mill-morsa tal-ħabi bla mistħoqq ta' tagħrif amministrattiv, "*Privilege is an objection to production of evidence. Public interest immunity may be both an objection to production and to disclosure. Secondly, public interest immunity is not the privilege of either litigant, but is a necessary protection of the public interest: it is public law, not a private law right. ... The times when the court would*

[8] Par (a) jew (ċ) tat-tifsira ta' "*awtorita' pubblika*" fl-Art. 2 tal-Kap 496

*rubber stamp a claim by the executive for immunity are now long gone. ... If the documents are prima facie disclosable, the objecting party will need to justify its refusal to disclose them.*"[9];

17. Illi l-Qorti tagħraf li, skond l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, d-dokumenti miżmumin mill-Kummissjoni appellanti ma humiex dokumenti li dwarhom persuna eliġibbli tista' jkollha aċċess. Madankollu, kif diġà ngħad, lanqas ma jista' jingħad li d-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att ma jgħoddux għall-każ li din il-Qorti għandha quddiemha llum, ladarba hija l-liġi proċedurali nnifisha li ssemmi xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-Att dwar jekk dokument jistax jitressaq bi prova quddiem xi qorti;

18. Illi l-Qorti qieset sewwa d-dispożizzjonijiet mill-Att li jissemmew fil-Kodiċi tal-Proċedura u ssib li bi tħaddim tagħhom l-aggravju tal-appellanti ma joħroġx bħala wieħed mistħoqq. Huwa evidenti li d-dokumenti milquta mid-degriet appellat mhumiex minn fost dawk li għalihom jgħoddu l-artikoli 29 u 30(1) tal-Kap 469. Għall-kuntrarju, jidher li t-tressiq tal-istess dokumenti jista' jħares biex ma ssirx ħsara jew jinħalaq xi preġudizzju għat-tmexxija ta' proċess ġust tal-attur quddiem il-Kummissjoni appellanti[10]. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju wkoll li l-produzzjoni bi prova tad-dokumenti milquta bid-degriet appellat ma jolqtu bl-ebda mod ħażin l-interess pubbliku kif imfisser u

[9] H. M. Malek _Phipson on Evidence_ (16th Edit, 2005) §§ 25-08 u 25-21, f'paġġ. 687 u 698 – 9
[10] Art. 30(2)(a) tal-Kap 469

maħsub fl-artikoli 32(4) u (5) tal-imsemmi Att. Min-naħa l-oħra, safejn id-dokumenti milquta mid-degriet appellat jitlobu l-kxif ta' xi pariri jew konsluti li jkunu ingħataw minn jew lil xi awtorità pubblika (il-liġi fin-nota marġinali tal-artikolu ssejħilhom "*working documents* interni"), dawn huma tabilħaqq milquta bħala dokumenti privileġġati kif irid l-artikolu 36(1) tal-Kap 469. Iżda huwa fatt ukoll li dik id-dispożizzjoni ma tgħoddx safejn xi parti mid-dokument tintalab għal għanijiet purament ta' tagħrif fattwali li jkunu jinsabu f'dak id-dokument[11];

19. Illi l-Qorti tagħraf ukoll, sa ċertu punt, is-siwi tal-argument tal-attriċi appellata *nomine* li l-artikolu 35(2) tal-Att iwieżen il-produċibilità ta' dokument eżentat taħt il-Kapitolu 469 mal-interess pubbliku li jinkiseb bl-iżvelar tiegħu. Tippreċiża, madankollu, li hawn mhijiex kwestjoni ta' żvelar iżda waħda dwar jekk dokument miżmum minn awtorità pubblika jistax jitressaq bi prova quddiem qorti. F'kull każ, għandu jkun daqstant ieħor ovvju l-fatt li d-dokumenti li l-ewwel Qorti ordnat li jitressqu bi prova quddiemha ma jsirux b'daqshekk dokumenti li jista' jmur jarahom min irid jew li b'mod indiskriminat jista' jsir użu minnhom lil hinn mill-għanijiet tal-każ speċifiku tal-attur *proprio* appellat u għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja f'dan il-każ;

20. Illi minbarra dan, il-Qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna li jinġieb jew jinżamm minn dokument imressaq bi prova dik il-parti biss li

[11] Art. 36(2) tal-Kap 46

jkollha x'taqsam mal-kwistjoni fil-kawża[12]. Madankollu, jibqa' dejjem il-ħtieġa li l-prova li tkun trid titressaq tkun waħda rilevanti għall-kwestjoni fil-kawża bejn il-partijiet[13] u kif ukoll li tkun l-aħjar prova li l-parti konċernata tista' ġġib għall-konsiderazzjoni tal-Qorti[14]. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tiddetta lill-ewwel Qorti x'miżuri jixraq tieħu biex ma jsirx użu mhux xieraq tad-dokumenti mressqa quddiemha bi prova jew min u kif jista' jarahom. Dan huwa eżerċizzju tad-diskrezzjoni sovrana li l-liġi tagħti lill-ġudizzju u d-dehen tal-Qorti li quddiemha miexja l-kawża;

21. Illi, fl-aħħar nett, din il-Qorti jidhrilha li l-aggravju tal-appellanti jfalli wkoll meta wieħed jara d-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali li tirregola l-mod kif il-Kummissjoni appellanti għandha tmexxi l-proċeduri tagħha sewwasew f'każijiet bħal dak tal-attur *proprio* appellat. Kemm hu hekk, il-liġi tipprovdi[15] li l-iżvelar jew il-pubblikazzjoni ta' tagħrif li jkun ħareġ minn proċess tal-għażla, sottomissjonijiet jew petizzjonijiet u li tappartieni għal individwi ma għandux ikun miżmum jekk dik il-pubblikazzjoni ta' tagħrif tkun meħtieġa b'rabta ma' proċeduri fil-Qorti;

22. Illi l-Qorti għalhekk ma ssibx li l-aggravju tal-intimati appellanti huwa tajjeb u mhijiex sejra tilqa' l-appell tagħhom;

[12] Art. 637(2) tal-Kap 12
[13] Art. 558 tal-Kap 12
[14] Art. 559 tal-Kap 12
[15] Reg. 36(1)(b) tal-A.L. 333 tal-2016 (L.S. Kost. 05)

**Decide:**

23. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-intimati Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa u tkkonferma d-degriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ottubru, 2018, dwar il-produċibilità tal-'*files*' mitluba mill-attriċi appellata *nomine*;

**Tordna** li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tisma' l-kawża; u

**Tordna** li l-intimati appellanti jħallsu l-**ispejjeż** marbuta ma' dan l-episodju.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Registratur
gr